MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 99/2004

**Mario Refalo bhala mandatarju tal-imsiefrin konjugi Anthony u Carmen Scerri debitament awtorizzat permezz ta' prokura hawn annessa bhala Dok.A**

**vs**

**John u Catherine konjugi Major**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:**
**Li 1-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni u kkundannati jirrimborzaw lill-attur nomine d-danni koliha sofferti mill-konjugi Scerri fl-appartament Flat 2, Belvedere Court, Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex, proprjeta' taghhom li jinsab sottostant l-appartament tal-**

**konvenuti liema Danni gew kagunati minn leakage fis-sistema tat-plumbing fi-appartament tal-konvenuti b'liema leakage 1-appartament tal-konjugi Scerri ghereq bl-ilma u kkaguna hsarat ingenti fl-istess appartament, kif ukoll fl-ghamara u fil-mobbli i11i kien hemm fi-istess flat f'dak il-mument a dannu tal-konjugi Scerri.**

**Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-22 ta' Gunju, 2004 u tat-30 ta' Gunju. 2004 kontra il-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti fis-7 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal illi:**
**It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda u dana stante li l-kawza tal-ilma li waqa' fil-fond tal-atturi ma kienx il-leakage fis-sistema tal-plumbing fl-appartament tal-konvenuti, izda minhabba l-ilma li kien jiinzel mill-bejt tal-blokk kollu fejn hemm l-appartamenti tal-konvenuti u tal-atturi, liema bejt huwa proprjeta' komuni tal-atturi u tas-sidien tal-appartamenti l-ohrajn fl-istess block.**

**Ra l-affidavits ta' Mario Refalo, John Major, Kathy Major, Perit John Saliba. Semgha x-xhieda tal-Perit Carmelo Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob danni sofferti minhabba perkolazzjofli ta' ilma fil-fond Fiat 2, Belvedere Court, Triq Hamri, Ghajnsielem, mill-fond sovrastanti, li huwa tal-konvenuti.**

**2. Il-konvenuti qed jghidu li dak li gara kien minhabba ilma li jinzel mill-bejt komuni.**

**3. Mario Refalo, mandatarju tal-atturi konjugi Scerri, kellu l-inkarigu li jiehu hsieb 1-appartament**

**taghhom. Hu jghid li madwar April jew Mejju, 2004 ircieva telefonata minghand il-konvenut li kien mar il-Perit Carmelo Borg biex jiccertifika xi affarijiet. Ghalhekk 1-attur kien mar fuq il-post, u meta fetah sab hafna ilma mal-art, bit-tapiti tal-kamra tal-banju imxarrbin, u ilma fil-kcina. Ra li 1-hitan kien swied bl-umdita', kien hemm mill-moffa mal-ghamara u pittura mgharrqa bl-umdita'.**

**4. Skond Refalo, il-Perit ried jara minn fejn gej 1-ilma, u ghalhekk marru fil-fond ta' certu Raymond Grech, li huwa l-fond adjacenti, pero' ghola minn dak tal-konvenuti, pero' hemm instab kollox sew. Ra wkoll il-fond ta' taht ta' Grech, li hu ta' certu perit Delia, u dan kellu l-hsara. Skond Refalo, il-konvenuti hallsu lil Perit Delia tal-hsara li kellu. Refalo jghid ukoll li l-konvenut allega li xi ilma kien nizel mill-bejt tal-blokk t'appartamenti.**

**5. Refalo qabbad lil Perit Saliba li hareg cetifikat DokSl datat 25 ta' Gunju, 2004. F'dan jinghad li: "....This was most certainly due to flooding in the overlying apartment from leaking plumbing in the toilet/bathroom area. Although there is no dripping water at present the ceiling soffit is still damp. The ceiling soffit needs to be scraped from the mould and repainted when completely dry." Bhala danni dana kkonstathom fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm472.50).**

**6. Issa huwa minnhu l l-bejt komuni kellu bzonn ta' riparazzionijiet, u dana kif iccertifikat mill-Perit Angelo Portelli, Dok.S5 datat 28 ta' Gunju, 2004, pero' l-ilma li dahal fil-fond tal-atturi ma giex minn hemm izda u aktar verosimili dak li qed jghid l-perit Saliba. Ir-ritratti Dok.S7 sa S14 juru l-hsara estensiva li kien hemm.**

**7. Huwa minnu li 1-konvenuti dahlilhom ammont ta' ilma, pero huwa minnu wkoll li l-Perit Saliba kkonstata li 1-moffa kienet koncentrata qrib il-post fejn fl-appartament ta' fuqu hemm il-kamra tal-banju.**

**8. Tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta li fil-fatt il-hsara grat minhabba l-ilma li dahal mill-fond tal-konvenuti, u li dawn id-danni jammontaw ghall-erba' mija u tnejn u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm472.50).**

**Ghaldaqsttant it-Tribunal, jiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni li garrbu 1-atturi fil-fond taghhom, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur fil-kwaita tieghu premessa is-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm472.50).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 Gunju, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------